IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.2.2021
COM(2021) 97 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Aġġornament tas-Sorveljanza Msaħħa - il-Greċja, Frar 2021

{SWD(2021) 43 final}

SFOND

L-iżviluppi u l-politiki ekonomiċi fil-Greċja huma mmonitorjati b'konformità mas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika kif ukoll mal-qafas tas-sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013([1]). L-implimentazzjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja ([2]) tirrikonoxxi li l-Greċja jeħtiġilha tkompli timplimenta l-miżuri biex tindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji, filwaqt li timplimenta riformi strutturali biex tappoġġa tkabbir ekonomiku sod u sostenibbli.

Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi qafas komprensiv għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi u għall-eżerċizzju tal-politiki meħtieġa biex jiġi żgurat irkupru ekonomiku sostenibbli. Din tippermetti li ssir valutazzjoni regolari tal-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji reċenti fil-Greċja, kif ukoll li jsir monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament sovran u aġġornamenti tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn. Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi wkoll il-qafas għall-valutazzjoni tal-impenn ġenerali li ngħata lill-Grupp tal-Euro mill-Greċja fit-22 ta' Ġunju 2018, biex tkompli u tlesti r-riformi adottati skont il-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u biex tiggarantixxi s-salvagwardja tal-objettivi tar-riformi importanti adottati b'konformità mal-programmi ta' assistenza finanzjarja. F'dan il-kuntest, is-sorveljanza msaħħa twettaq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' impenji speċifiċi biex jitlestew ir-riformi strutturali ewlenin li bdew skont il-programm f'sitt oqsma ewlenin bi skadenzi miftiehma sa nofs l-2022, jiġifieri: (i) il-politiki fiskali u fiskali-strutturali, (ii) il-protezzjoni soċjali, (iii) l-istabbiltà finanzjarja, (iv) is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, (v) il-Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u Parteċipazzjonijiet u l-privatizzazzjoni, u (vi) il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika ([3]).

Dan huwa d-disa' rapport dwar is-sorveljanza msaħħa għall-Greċja. Ir-rapport huwa bbażat fuq il-konstatazzjonijiet ta' missjoni li saret mill-bogħod fis-26-27 ta' Jannar 2021 u fuq djalogu regolari mal-awtoritajiet. Il-missjoni tmexxiet mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew ([4]); il-Fond Monetarju Internazzjonali pparteċipa fil-kuntest tal-qafas tiegħu ta' Monitoraġġ ta' wara l-Programm, filwaqt li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà pparteċipa fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tiegħu u f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil tas-27 ta' April 2018 dwar ir-relazzjonijiet ta' ħidma bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Ir-rapport attwali jivvaluta l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Greċja lejn il-Grupp tal-Euro fir-rigward tat-tlestija tar-riforma sa tmiem l-2020. Dan ir-rapport mhuwiex marbut mar-rilaxx ta' miżuri tad-dejn kontinġenti għall-politika, li – f'konformità mal-iskeda biannwali maqbula – jistgħu jsiru abbażi tal-għaxar rapport. L-għaxar rapport mistenni jiġi ppubblikat f'Mejju.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/998 tas-17 ta' Frar 2021 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja.

([3]) https://www.consilium.europa.eu/media/35749/z-councils-council-configurations-ecofin-eurogroup-2018-180621-specific-commitments-to-ensure-the-continuity-and-completion-of-reforms-adopted-under-the-esm-programme_2.pdf

([4]) Il-persunal tal-BĊE pparteċipa fil-missjoni ta' rieżami f'konformità mal-kompetenzi tal-BĊE u b'hekk ipprovda għarfien espert dwar il-politiki tas-settur finanzjarju u l-kwistjonijiet makrokritiċi, bħall-miri fiskali ewlenin u s-sostenibbiltà u l-ħtiġijiet tal-finanzjament. Qabel il-missjoni ta' rieżami saret missjoni teknika, mill-bogħod ukoll, bejn it-13 ta' Jannar u l-20 ta' Jannar 2021.

VALUTAZZJONI KUMPLESSIVA

Ir-rapport tħejja fl-isfond tat-tieni mewġa tal-pandemija, li wasslet għal issikkar ġenerali tal-miżuri ta' konteniment qabel tmiem l-2020 u, aktar reċentement, għall-għeluq tal-iskejjel u n-negozji tal-bejgħ bl-imnut u restrizzjonijiet tal-mobbiltà personali f'ċerti reġjuni inkluża Ateni. L-ekonomija Griega mistennija tkun naqset b'10 % fl-2020 meta mqabbla mal-2019 bi previżjoni ta' rkupru parzjali biss għal din is-sena. Il-konsegwenzi tal-istaġun turistiku fl-2020 wara l-pandemija affettwaw lill-Greċja b'mod negattiv minħabba l-piż tas-settur tat-turiżmu fuq l-ekonomija. Il-Gvern kompla jadatta l-miżuri fiskali eżistenti li jappoġġaw lill-persuni qiegħda u lill-persuni b'paga, li l-kuntratti tagħhom ġew sospiżi, tawwal il-miżuri ta' appoġġ għall-kumpaniji u adotta miżuri mmirati ġodda biex jipproteġu l-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet. Sa issa, il-miżuri ta' protezzjoni tal-impjiegi, appoġġati mill-UE b'mod partikolari permezz tal-istrument ta' finanzjament il-ġdid għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) u l-Fond Soċjali Ewropew, jidhru li kienu effettivi, u r-rata tal-qgħad baqgħet ġeneralment stabbli minkejja r-reċessjoni ekonomiku mdaqqsa. Madankollu, l-għadd ta' persuni li m'għandhomx impjieg qed jikber, peress li r-reklutaġġ ta' ħaddiema ġodda għadu mrażżan. Il-kumpaniji u l-ħaddiema bbenefikaw minn miżuri ta' appoġġ pubbliku; madankollu, id-daqs sħiħ tal-isfida li jiffaċċa s-settur korporattiv – u dak finanzjarju – mistenni jsir evidenti biss fi stadju aktar 'il quddiem bit-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ, bħal fi Stati Membri oħrajn. Dan jeħtieġ li jiġi ġestit bir-reqqa biex jiġu evitati effetti ta' preċipizju.

Minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli, l-awtoritajiet irnexxielhom jagħmlu progress tajjeb f'għadd ta' oqsma, inklużi l-edukazzjoni, il-ġestjoni tal-assi tal-istat, il-proġetti ta' privatizzazzjoni u l-politika tal-enerġija. Partikolarment:

- **Żewġ riformi ambizzjużi fil-qasam tal-edukazzjoni ġew adottati f'dawn l-aħħar tliet xhur.** Riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ġiet adottata f'Diċembru 2020 bl-għan li ttejjeb l-attrazzjoni ta' dik it-triq u li torbot aħjar l-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-Liġi dwar l-Edukazzjoni Għolja minn Frar 2021 timmira, min-naħa tagħha, li timmodernizza l-operat tal-universitajiet u li ttejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni offruta. Barra minn hekk, tnedew evalwazzjonijiet interni u esterni tal-iskejjel.

- **Il-Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u l-Parteċipazzjonijiet** lestiet ir-rieżami tal-bordijiet tal-intrapriżi kollha tal-istat, li kien impenn speċifiku. Il-pjan strateġiku tal-Korporazzjoni kompla jiġi implimentat kif ippjanat, u l-awtoritajiet lestew it-tħejjija tal-Gwida Ministerjali aġġornata għall-Korporazzjoni.

- **L-offerti ta' privatizzazzjoni** pprogressaw bl-għeluq tat-tranżazzjoni tal-Marina ta' Alimos fil-31 ta' Diċembru 2020, prospetti tajbin għall-konklużjoni tal-proġett Hellinikon fix-xhur li ġejjin, u xi progress tant mistenni dwar azzjonijiet pendenti meħtieġa għall-konċessjoni ta' Egnatia – li huma kollha impenji speċifiċi.

- **Fil-qasam tal-politika tal-enerġija**, l-awtoritajiet nedew it-test tas-suq bil-ħsieb li jagħlqu l-każ antitrust li ilu għaddej kontra l-Korporazzjoni Pubblika tal-Enerġija fix-xhur li ġejjin, li huwa impenn speċifiku.

Ir-riformi komplew ukoll f'oqsma importanti oħra. Ir-riformi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż tal-baġit tal-investiment pubbliku, reġgħu kisbu l-momentum tant meħtieġ

permezz tal-progress li sar fil-klassifikazzjonijiet baġitarji amministrattivi, ekonomiċi u funzjonali. Se jkun meħtieġ monitoraġġ mill-qrib, peress li dan huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-effiċjenza tal-proċeduri ta' pagament. Il-leġiżlazzjoni għar-riforma tar-riżorsi umani tal-amministrazzjoni tat-taxxa ġiet adottata u r-riforma għadha fit-triq it-tajba għall-implimentazzjoni sħiħa tagħha sar-reviżjoni li jmiss. Ir-riformi tal-amministrazzjoni pubblika wkoll għamlu progress kif ippjanat, inkluża l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida għal reklutaġġ aktar mgħaġġel u effiċjenti tal-impjegati taċ-ċivil.

Madankollu, il-pass kumplessiv tal-implimentazzjoni jidher li naqas f'għadd ta' oqsma, b'mod partikolari minħabba l-kuntest tal-pandemija, u l-implimentazzjoni tal-miżuri biex jiġu indirizzati diversi impenji ġiet ittardjata. Minbarra d-diffikultajiet kontinwi kkawżati mill-pandemija, l-awtoritajiet indikaw ukoll ridistribuzzjoni ta' diversi karigi ewlenin fl-amministrazzjoni fil-bidu ta' din is-sena u ż-żieda fl-ammont ta' xogħol minħabba t-tħejjijiet tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza bħala kawża ta' xi dewmien, u dan huwa rikonoxxut kif xieraq. Intlaħaq qbil dwar għadd ta' pjanijiet direzzjonali speċifiċi dettaljati biex titħejja l-bażi għal progress deċiżiv sal-għaxar rapport f'Mejju. Dawn jinkludu t-twettiq kontinwu tar-riformi tas-settur finanzjarju, l-implimentazzjoni sħiħa tar-riforma tar-riżorsi umani tal-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku, l-operazzjonalizzazzjoni tal-Faċilità ta' Tħejjija tal-Proġetti u l-Pipeline tal-Proġetti Strateġiċi għal investimenti kbar, il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' arretrati ġodda u t-tnaqqis tal-istokk eżistenti wara d-dewmien osservat inkluż permezz tat-tisħiħ tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-ikklerjar tal-arretrati u s-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għat-twettiq ta' proċeduri fiskali, it-tlestija tar-riforma tas-simplifikazzjoni ulterjuri tal-liċenzjar tal-investiment fl-oqsma maqbula, u l-adozzjoni tal-Kodiċi Industrijali mmodernizzat. Barra minn hekk, l-awtoritajiet impenjaw ruħhom għal għadd ta' passi speċifiċi fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-implimentazzjoni tat-tabella tal-kontijiet. Minħabba l-importanza tagħha fil-kuntest tal-istrateġija ta' rkupru kumplessiva, ir-riforma tal-ġustizzja jeħtieġ li tiġi mnedija mill-ġdid, peress li r-riformi marbuta mal-effettività tas-sistema ġudizzjarja jikkontribwixxu biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-investimenti, inkluż mis-settur privat.

L-implimentazzjoni ta' xi riformi ewlenin fis-settur finanzjarju ġiet ittardjata wkoll iżda kien hemm qbil dwar skeda ta' żmien ambizzjuża għar-reviżjoni li jmiss. Id-dħul fis-seħħ tal-kodiċi tal-insolvenza ġie parzjalment pospost fi tmiem is-sena li għaddiet, b'xi elementi previsti li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, u oħrajn ġew posposti għall-1 ta' Ġunju 2021. Dan il-kodiċi jirrappreżenta riforma ewlenija tal-qafas tal-insolvenza iżda jeħtieġ ħidma ta' implimentazzjoni sostanzjali relatata mal-ispeċifikazzjoni dettaljata tiegħu kif ukoll mal-istabbiliment ta' pjattaforma tal-IT interkonnessa ma' dawk tal-banek. L-implimentazzjoni ta' riformi oħra maqbulin tkompli iżda b'pass aktar kajman minn dak miftiehem preċedentement u se teħtieġ monitoraġġ mill-qrib, b'mod partikolari fir-rigward tal-ikklerjar tal-akkumulazzjoni ta' każijiet ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi (il-mira ta' tmiem l-2021 tidher fir-riskju) u fir-rigward tal-ikklerjar tal-garanziji tal-Istat imsejħa, li ttardjat aktar fl-aħħar kwart tal-2020 anke minħabba diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' persunal ġdid fid-dawl tal-issikkar tal-miżuri ta' konteniment. L-awtoritajiet qed iħejju miżuri addizzjonali biex jappoġġaw is-settur finanzjarju, b'mod partikolari estensjoni tal-iskema ta' protezzjoni tal-assi Hercules, li hija ħaġa pożittiva. Fil-kuntest tal-issikkar tal-miżuri ta' konteniment lejn tmiem l-2020, l-awtoritajiet issospendew il-miżuri kollha ta' infurzar fil-kategoriji kollha ta' debituri, inkluż it-twettiq ta' rkanti elettroniċi u l-passi preparatorji tiegħu, li jistgħu jieħdu diversi xhur. Dan l-iffriżar ġeneralizzat tal-passi kollha tal-infurzar, jekk idum, jista' jolqot it-trattament rapidu u effiċjenti tas-self improduttiv mill-banek u s-

servizzjanti Griegi iktar ’il quddiem. Għalhekk, l-awtoritajiet mistiedna jadottaw soluzzjonijiet temporanji u aktar immirati fil-ħin, filwaqt li jipproteġu l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

L-awtoritajiet qed jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tat-tħejjija tal-Pjan ta’ Rkupru u Reżiljenza. Din hija ħaġa pożittiva peress li l-fondi sinifikanti li l-Greċja hija intitolata li tirċievi permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jekk jintużaw b’mod effiċjenti u xieraq, jistgħu jappoġġaw it-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjonijiet tewmin fis-snin li ġejjin. Il-Faċilità tal-UE għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tagħmel EUR 30,5 biljun disponibbli għall-Greċja matul il-perjodu 2021-2026, li minnhom EUR 17,8 biljun permezz ta’ għotjiet. Ir-riformi u l-investimenti, li se jkunu parti mill-Pjan mistennija jibnu fuq u jikkomplementaw ir-riformi tal-passat u dawk li għaddejjin fil-kuntest tal-proċess ta’ sorveljanza msaħħa. Flimkien mal-pakkett addizzjonali ta’ EUR 1,7 biljun taħt l-istrument React-EU u l-EUR 2,7 biljun diġà żborżati mill-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta’ Qgħad f’Emerġenza (SURE) kif ukoll kwalunkwe ammont addizzjonali possibbli ([5]), dawn ir-riżorsi ta’ finanzjament sostanzjali se jgħinu biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija u jipprovdu l-appoġġ meħtieġ għal irkupru sostenibbli u inklużiv.

Kumplessivament, dan ir-rapport jikkonkludi li l-Greċja għamlet progress sew bl-implimentazzjoni ta’ għadd ta’ impenji ta’ riforma iżda jinnota li l-momentum tar-riforma naqas, filwaqt li jirrikonoxxi ċ-ċirkostanzi diffiċli kkawżati mill-pandemija. L-istituzzjonijiet Ewropej jilqgħu l-impenn kontinwu mill-qrib u kostruttiv tal-awtoritajiet u l-qbil dwar għadd ta’ skedi ta’ żmien riveduti għal riformi kritiċi. L-awtoritajiet imħeġġa jkomplu jimmobilizzaw ir-riżorsi bil-ħsieb li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiksbu l-kummenti speċifiċi dovuti fil-ħin għall-għaxar rapport dwar is-sorveljanza msaħħa, li se joħroġ f’Mejju u li għalih huwa previst l-iżborż tas-sett li jmiss ta’ miżuri tad-dejn kontinġenti għall-politika.

ŻVILUPPI MAKROEKONOMIĊI

Il-pandemija tal-coronavirus qed tkompli jkollha impatt negattiv qawwi fuq l-ekonomija Griega. L-ekonomija espandiet bi 2,3 % fuq bażi ta’ minn trimestru għall-ieħor fit-tielet kwart tal-2020 wara tnaqqis ta’ -14,1 % fil-perjodu preċedenti. L-irkupru fit-tielet kwart kien sostanzjalment inqas dinamiku mir-rilanċ imdaqqas fiż-żona tal-euro, l-aktar minħabba t-tnaqqis qawwi fil-valur miżjud fis-settur tat-turiżmu. It-tkabbir kien xprunat mill-konsum privat, bl-esportazzjonijiet tal-oġġetti juru xi reżiljenza. Il-qgħad kompla jonqos, u laħaq is-16,2 % fit-tielet kwart tal-2020, li jindika li l-miżuri ta’ appoġġ fis-seħħ irnexxielhom jipproteġu l-impjiegi. Fl-istess ħin, l-impjiegi naqsu meta mqabbla ma’ sena ilu, primarjament minħabba l-għadd aktar baxx ta’ impjiegi ġodda fis-settur tat-turiżmu. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ naqas ukoll iżda għadu għoli ħafna b’34,2 % fit-tielet kwart.

Wara l-issikkar tal-miżuri ta’ konteniment lejn tmiem l-2020, l-irkupru ekonomiku mistenni jibqa’ anemiku fl-ewwel nofs ta’ din is-sena. Il-miżuri ta’ konteniment imħabbra f’Novembru 2020 għadhom fis-seħħ, li jimplikaw restrizzjonijiet severi għas-settur tas-servizzi, filwaqt li l-produzzjoni industrijali tkompli b’interruzzjonijiet limitati għalkemm qed

([5]) Il-Kunsill diġà approva total ta’ EUR 90,3 biljun f’appoġġ finanzjarju lil 18-il Stat Membru. L-Istati Membri xorta jistgħu jippreżentaw talbiet biex jirċievu appoġġ finanzjarju taħt Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta’ Qgħad f’Emerġenza (SURE) li għandha qawwa kumplessiva ta’ sa EUR 100 biljun.

tħabbat wiċċha ma' ktajjen tal-provvista mfixkla u domanda limitata. Dawn il-miżuri meħtieġa biex jiġu salvati l-ħajjiet mistennija jittardjaw ulterjorment l-irkupru ekonomiku. It-tbassir tal-Kummissjoni tax-xitwa 2021, imħejji qabel l-issikkar reġjonali reċenti tal-miżuri ta' konteniment, jistenna li t-tkabbir tal-PDG reali jilħaq 3,5 % fl-2021 u 5 % fl-2022, xprunat l-aktar mid-domanda domestika. Il-projezzjoni tassumi li t-tilqim gradwalment se jirnexxilu jipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli sa nofs l-2021, u dan jippermetti laxkar dejjiemi, anki jekk pass pass biss, tal-miżuri ta' konteniment fit-tieni trimestru. Is-settur estern huwa wkoll projettat li jipprovdi kontribut pożittiv għat-tkabbir, għalkemm inqas b'saħħtu milli kien mistenni qabel peress li t-turiżmu jista' jieħu aktar żmien biex jirkupra kompletament. Il-projezzjoni tassumi li l-politika fiskali fl-2021 se tkompli tappoġġa l-ekonomija b'interventi mmirati lejn in-negozji u lejn l-unitajiet domestiċi. Il-laxkezza fl-ekonomija mistennija tkun ta' piż fuq iż-żieda fil-prezzijiet, li mistennija tibqa' kemxejn negattiva fl-2021 ukoll, bi rkupru sussegwenti fl-2022.

L-inċertezza dwar il-prospettiva għadha għolja. Il-projezzjonijiet huma soġġetti għal inċertezza sinifikanti marbuta predominantement mal-evoluzzjoni tal-pandemija u s-suċċess tal-kampanja tat-tilqim. Il-progress fil-ġlieda kontra l-pandemija, kemm domestikament kif ukoll internazzjonalment, huwa wkoll kritiku għall-irkupru tal-industrija tat-turiżmu. L-inċertezza tikkonċerna wkoll il-ħeffa tal-irkupru tas-settur privat wara l-iskadenza tal-miżuri ta' appoġġ, li jeħtieġ li jitfasslu bir-reqqa biex jiġu evitati effetti ta' preċipizju, li jistgħu jwasslu għal diffikultà korporattiva, inklużi l-fallimenti. Dgħufijiet fl-istruttura tal-karta tal-bilanċ tas-settur korporattiv Grieg ikomplu jżidu mar-riskji negattivi għall-irkupru. It-tensjonijiet ġeopolitiċi fir-reġjun u l-kriżi migratorja li għadha għaddejja jżidu ulterjorment l-inċertezza fil-prospettiva makroekonomika. Mil-lat pożittiv, it-tbassir tal-Kummissjoni ma jinkorporax l-impatt ekonomiku tal-Pjan ta' Rkupru u ta' Reżiljenza għall-Greċja, li l-implimentazzjoni tiegħu mistennija tipprovdi spinta sinifikanti lit-tkabbir.

ŻVILUPPI FISKALI

Il-politika fiskali se tibqa' akkomodanti fl-2021 hekk kif l-awtoritajiet iżommu appoġġ immirat lejn l-unitajiet domestiċi u n-negozji affettwati mill-kriżi. B'reazzjoni għall-evoluzzjoni sfavorevoli tal-pandemija, il-gvern iddeċieda li jissikka l-miżuri ta' konteniment fil-bidu ta' Novembru 2020 u, aktar reċentement, li jagħlaq l-iskejjel u n-negozji tal-bejgħ bl-imnut u li jimponi restrizzjonijiet fuq il-mobbiltà personali f'ċerti reġjuni inkluża Ateni u ħabbar l-estensjoni ta' miżuri fiskali preċedenti. Il-pakkett totali tal- "pagamenti bil-quddiem ripagabbli" (appoġġ pubbliku lil kumpaniji affettwati mill-pandemija, imqassam fil-forma ta' self b'komponent ta' sussidju kundizzjonali) żdied, il-benefiċċju tal-qgħad regolari u fit-tul ġie estiż u l-appoġġ ekonomiku temporanju għall-persuni b'paga sospiżi ġie estiż. Peress li t-tul ta' żmien tal-miżuri ta' konteniment irriżulta li kien itwal milli kien ippjanat inizjalment, il-gvern ħabbar ukoll għadd ta' miżuri ġodda sabiex jappoġġa kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lin-negozji affettwati. Dawn jinkludu skema ta' garanzija ġdida u programm ta' sussidju ta' self ġdid, it-tnejn imfassla biex jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inklużi b'mod partikolari il-kumpaniji żgħar ħafna/mikrointrapriżi. Barra minn hekk, il-kumpaniji affettwati se jkunu eliġibbli għal kumpens fuq l-ispejjeż fissi tagħhom fil-forma ta' kreditu ta' taxxa u ta' kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. Ir-reazzjoni politika tal-Greċja kienet rapida mill-bidu tat-tifqigħa tal-coronavirus, u bil-miżuri msemmija hawn fuq mistennija jilħqu madwar 9,4 % tal-PDG fl-2020 u 6,5 % tal-PDG fl-2021. Kumplessivament, skont it-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2020, id-daqs tal-miżuri ta' appoġġ (bħala perċentwal tal-PDG) li l-gvern Grieg adotta biex itaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tifqigħa tal-coronavirus huwa kemxejn ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea.

Il-baġit tal-2021, ivvutat fil-bidu ta' Diċembru 2021, jistenna li d-defiċit immonitorjat taħt sorveljanza msaħħa jilħaq it-3,9 % tal-PDG fl-2021. Dan huwa paragunabbli mal-previżjoni ta' defiċit ta' 3,4 % tal-PDG fit-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2020 ([6]). Se jitħejja aġġornament sħiħ tat-tbassir fiskali fir-rebbiegħa fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà 2021. Ta' min ifakkar li l-Klawżola Liberatorja Ġenerali se tibqa' attiva fl-2021. Din tippermetti t-tluq temporanju mir-rekwiżiti baġitarji, fosthom il-miri fiskali tal-Greċja li huma mmonitorjati fil-qafas tas-sorveljanza msaħħa, sakemm dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. Il-Kunsill irrakkomanda ([7]) li l-Greċja, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u lejn l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment. Il-baġit tal-2021 jistenna li d-dejn tal-gvern jilħaq il-209 % fl-2020 qabel ma jonqos għal madwar 200 % fl-2021, li huwa ġeneralment konformi mat-tbassir tal-ħarifa tal-Kummissjoni.

Il-projezzjonijiet tal-finanzi pubbliċi huma soġġetti għal riskji konsiderevoli. L-inċertezza dwar l-evoluzzjoni tal-pandemija għadha kbira, u din tissarraf f'riskji fiskali sostanzjali peress li estensjoni ulterjuri tal-miżuri ta' kontenjment u l-appoġġ fiskali relatat, li jenħtieġ li jkunu kemm ta' natura mmirata kif ukoll temporanja, jistgħu jwasslu għal żieda ulterjuri fl-ispejjeż fiskali. Il-probabbiltà li jintużaw il-garanziji tal-istat tiżdied iktar ma ddum il-kriżi. Lil hinn mill-pandemija, id-deċiżjonijiet dwar il-pensjonijiet retroattivi u l-każijiet ta' litigazzjoni kontra l-Kumpanija Pubblika tal-Proprjetà Immobbli (ETAD) ikomplu joħolqu riskji fiskali. Mil-lat pożittiv, il-Greċja mistennija tibbenefika bil-kbir mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, permezz ta' appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għal riformi u investimenti li jżidu t-tkabbir, li jipprovdu appoġġ sostanzjali għall-ekonomija u jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali, li jista' jiffaċilita l-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti.

FINANZJAMENT SOVRAN

Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament jibqgħu favorevoli u l-gvern ikompli jżomm riżerva kbira ta' flus. Id-differenza fir-rendimenti tad-dejn sovran komplew jonqsu u ilhom madwar 70 punt bażi fuq il-pussess ta' 5 snin minn nofs Novembru 2020. Il-volatilità tagħhom trażżnet ukoll. Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli huma appoġġati wkoll mill-pożizzjoni akkomodanti tal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew, inkluż il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza għall-Pandemija tiegħu. Il-fidi tad-dejn u l-pagamenti tal-imgħax fuq terminu medju u twil se jkunu moderati fl-2021, u jammontaw għal madwar EUR 10 biljun. Il-Greċja qed tippjana li tiġbor bejn EUR 8 biljun u EUR 12-il biljun permezz ta' ħruġ bonds ġodda, li huwa paragunabbli għall-ammont miġbur fl-2020. Ir-riżervi tal-flus tal-gvern estiż kienu jammontaw għal madwar EUR 31 biljun fi tmiem l-2020, li jkunu biżżejjed biex ikopru l-fidi tad-dejn u tal-pagamenti tal-imgħax fuq terminu medju u twil tal-gvern

([6]) It-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2020 ma qiesx l-impatt ekonomiku tat-tieni ssikkar tal-miżuri ta' kontenjment li beda f'Novembru 2020, l-estensjoni tal-miżuri fiskali b'reazzjoni għat-tieni mewġa jew l-impatt ekonomiku jew, aktar reċentement, l-għeluq tal-iskejjel u n-negozji tal-bejgħ bl-imnut u r-restrizzjonijiet tal-mobilità personali f'ċerti reġjuni inkluża Ateni. Fl-istess ħin, filwaqt li l-baġit jinkludi l-impatt makroekonomiku previst tal-investimenti taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kummissjoni se tevalwa dak l-impatt fix-xhur li ġejjin biss, ladarba l-pjanijiet jiġu ppreżentati f'dettall suffiċjenti.

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Greċja tal-2020 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Greċja tal-2020, ĠU C 282, 26.8.2020, p. 46.

estiż għas-sentejn li ġejjin([8]). Mill-bidu tas-sena, ir-Repubblika Ellenika ġabret EUR 3,5 biljun permezz tal-ħruġ ta' bond tal-gvern ta' 10 snin f'Jannar 2021. Ir-rendiment miksub kien ta' 0,81 %, livell storikament baxx għal din il-maturità. Inġabru EUR 2 biljun addizzjonali permezz ta' pjazzamenti privati. L-awtoritajiet beħsiebhom iwettqu ħlas lura parzjali tas-self mill-Fond Monetarju Internazzjonali, li huwa pass pożittiv li jgħin biex jitnaqqas ir-riskju tal-kambju u jibgħat is-sinjal it-tajjeb lis-swieq.

Il-monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-2020 ippreżenta analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Istati Membri kollha abbażi tat-tbassir tal-ħarifa 2020 ([9]). Ix-xenarju bażi ta' dik l-analiżi huwa identiku għal dak ippubblikat fit-tmien rapport dwar is-sorveljanza msaħħa. Analiżi aġġornata tas-sostenibbiltà tad-dejn se tiġi ppreżentata fir-rapport dwar is-sorveljanza msaħħa li jmiss.

ŻVILUPPI FIS-SETTUR FINANZJARJU

Il-profittabbiltà tal-banek x'aktarx li tibqa' taħt pressjoni peress li l-kundizzjonijiet ta' likwidità favorevoli u d-dħul sinifikanti mhux rikorrenti fuq il-portafoll tan-negozjar ikkumpensaw biss parzjalment iż-żieda fil-ħtiġijiet ta' proviżjonament. Il-banek żammew riżervi ampji ta' flus u kost baxx ta' finanzjament minħabba xejra kostanti ta' żieda fid-depożiti flimkien ma' kundizzjonijiet ta' politika monetarja akkomodanti. Barra minn hekk, huma bbenefikaw minn qligħ kummerċjali straordinarju mill-portafoll tal-bonds tal-gvern tagħhom. Madankollu, il-frontloading tal-proviżjonament biex jitqies l-impatt mistenni tal-pandemija, fost fatturi oħrajn, wassal biex is-sistema bankarja kollha kemm hi tagħmel telf wara t-taxxi fl-ewwel disa' xhur tal-2020. Il-prospetti ta' profitt se jibqgħu diffiċli, u b'hekk jillimitaw il-kapaċità interna tal-ġenerazzjoni tal-kapital. It-titolizzazzjonijiet ta' self improduttiv se jħallu impatt pożittiv fuq il-kost tar-riskju tal-banek u se jilliberaw l-ispazju fil-karti tal-bilanċ tal-banek għal self ġdid, iżda jinvolvu wkoll telf kapitali inizjali ta' darba u telf rikorrenti fuq l-introjtu mill-imgħax nett. Fl-istess ħin, l-iskadenza tal-moratorji tista' twassal għal indebolimenti ulterjuri minħabba deterjorament fil-kwalità tal-assi.

L-istokk ta' self improduttiv kompla jonqos, prinċipalment bis-saħħa tal-iskema Hercules u l-impatt temporanju tal-moratorji. Is-self improduttiv fi tmiem Settembru 2020 ammonta għal EUR 58,7 biljun, tnaqqis ta' EUR 9,8 biljun minn Diċembru 2019 iżda EUR 1 biljun biss mit-trimestru preċedenti. B'riżultat ta' dan, il-proporzjon tas-self improduttiv niżel għal 35,8 %, li jibqa' l-ogħla fiż-żona tal-euro. It-titjib kontinwu fl-2020, minkejja l-pandemija u t-tnaqqis riżultanti fl-għadd ta' self rimedjat, huwa prinċipalment dovut għall-bejgħ ta' self improduttiv ta' EUR 6,8 biljun u influss limitat ta' self ħażin ġdid (tnaqqis ta' 58 % fuq bażi ta' minn sena għall-oħra fid-disa' xhur) bis-saħħa tal-moratorji fis-seħħ. Is-self taħt il-moratorji kien jammonta għal EUR 20,8 biljun minn Novembru 2020, jiġifieri iktar minn 12 % tal-ktieb tas-self, bejn wieħed u ieħor maqsum b'mod ugwali bejn il-korporattivi u l-unitajiet domestiċi. It-tnaqqis fl-ingranaġġ ta' self improduttiv mill-banek wassal ukoll għal rwol akbar għas-servizzjanti mhux bankarji, bi EUR 33 biljun ta' self taħt ġestjoni sa tmiem Settembru 2020, b'żieda ta' 40 % minn tmiem l-2019.

([8]) Il-bilanċ tal-kont ta' riżerva ta' flus baqa' ta' EUR 15,7 biljun. Il-kont tar-riżerva tal-flus inbena wkoll permezz ta' żborżi taħt il-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u huwa ddedikat għas-servizz tad-dejn. Il-Greċja tista' tuża dan l-ammont għal skopijiet oħra wkoll, wara approvazzjoni tal-korpi governattivi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

([9]) Debt Sustainability Monitor, European Economy Institutional Paper, Nru. 143, Frar 2021.

Bħal fi Stati Membri oħrajn, l-iskadenza tal-moratorji tista' tkun akkumpanjata minn deterjorament ġdid fil-kwalità tal-assi 'il quddiem. L-ammont kbir ta' self taħt moratorji u r-rekord batut tal-banek fir-ristrutturar tas-self vijabbli jindikaw riskju materjali għall-kwalità tal-assi, peress li l-moratorji fil-biċċa l-kbira skadew fi tmiem l-2020. Dan jista' jwassal għal indebolimenti ġodda, f'każ li l-proviżjonamenti rreġistrati sa issa ma jkoprux bis-sħiħ l-impatt eventwali tal-pandemija fuq il-ktieb tas-self. Madankollu, l-iskema temporanja ta' sussidju għall-pagamenti parzjali stabbilita mill-awtoritajiet għad-debituri affettwati mill-coronavirus b'self ta' residenza primarja (l-iskema "Gefyra") se timmitiga dan ir-riskju għal dan it-tip ta' self, li jirrappreżenta parti kbira mill-portafoll tas-self għall-konsumatur. Inbdew pagamenti ta' sussidju taħt l-iskema. L-awtoritajiet qed jistabbilixxu skema simili għal self lin-negozji. L-iskema se jkollha titfassal bir-reqqa, inkluži salvagwardji xierqa għall-periklu morali. Barra minn hekk, il-banek se jippruvaw irażżnu kwalunkwe migrazzjoni ta' self li bħalissa tinsab taħt moratorji għal kategorija ta' żieda fir-riskju ta' kreditu, li timplika ħtiġijiet ta' proviżjonament ogħla, permezz tal-offerta ta' prodotti intermedji, li jippermettu r-restawr gradwali tax-xejriet tal-pagamenti. It-trattament superviżorju eżatt u l-kost kapitali relatat ta' dawn il-prodotti jeħtieġ li jiġu diskussi mal-awtoritajiet superviżorji. Għal iktar 'il quddiem, it-titolizzazzjonijiet ippjanati taħt l-iskema Hercules jibqgħu l-ixprun ewlieni tat-tnaqqis tas-self improduttiv.

Il-miżuri ta' appoġġ adottati mill-awtoritajiet komplew isaħħu t-tkabbir tal-kreditu għan-negozji, u ffaċilitaw l-aċċess għall-kreditu anke għal ditti iżgħar. L-iskema ta' garanzija għall-intrapriżi minħabba l-Covid-19 u l-iskema ta' sussidju fuq l-imgħax (TEPIX-II) operata mill-Bank Elleniku għall-Iżvilupp irriżultaw f'EUR 4,6 biljun u EUR 2 biljun, rispettivament, ta' żborżamenti ta' self lill-korporazzjonijiet u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-2020, li kkontribwew madwar 40 % għall-flussi totali ta' self korporattiv gross matul is-sena. Dan irriżulta fil-medja tal-flussi grossi tas-self ta' kull xahar ([10]) aktar milli tirdoppja għall-korporazzjonijiet il-kbar, filwaqt li żdied sostanzjalment ukoll għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Dan it-tkabbir fil-kreditu ntuża mill-kumpaniji biex ikopru l-aktar il-ħtiġijiet tal-kapital operatorju tagħhom u jibnu r-riżervi ta' likwidità tagħhom. F'termini ta' kost tal-kreditu, għalkemm ir-rati tas-self nominali huma qrib l-iktar punti storikament baxxi tagħhom għal korporazzjonijiet, dawn ilhom jiżdiedu minn Settembru 2020, b'mod partikolari għal self iżgħar, li jirrifletti żieda fir-riskju tal-kreditu. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tkabbir tas-self lill-unitajiet domestiċi, dan għadu f'territorju negattiv u għandu kost dejjem ogħla.

L-awtoritajiet qed iħejju emenda tal-liġi regolatorja tal-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja. L-emenda se tippermetti lill-Fond jipparteċipa bħala investitur privat fiż-żidiet futuri tal-kapital azzjonarju tal-banek fejn għad għandha parteċipazzjoni azzjonarja.

([10]) Self b'maturità definita. Sors: Il-Bank tal-Greċja.